MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tad-29 ta' April, 2010

Numru. 407/2008

**Il-Pulizija
(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**Mary Cini, ta' 67 sena, bint Victor Cini u Fortunata nee' Saliba,
imwielda Zebbug (Ghawdex), nhar l-4 ta' Mejju, 1940 u residenti fil-fond numru 12, Triq il-Madonna tac-Cicri, Zebbug, Ghawdex, detentrici tal-karta tal-identita' numru 39840(G)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmija Mary Cini li giet akkuzata talli nhar is-17 ta' April, 2007, gewwa Triq iz-Zebbug, Zebbug, Ghawdex, ghal habta tat-tmienja nieqes ghaxra ta' filghaxija (19:50):

1) Hebbet ghal Lucy Saliba u kkagunatilha griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna skond ma ccertifika Dr. Michael Refalo MD ta' l-Isptar Generali ta' Ghawdex;
2) B'mod volontarju kisret il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b'ghajjat, storbju u glied jew mod iehor u dan bi ksur tal-Artikolu 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3) Ukoll talli fl-istess data, hin u cirkostanzi verbalment ingurjat lil Lucy Saliba bi ksur tal-Artikolu 339 1(e) tal-Kap 9;

Rat l-imputazzjonijiet;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Rat l-Artikoli indikati u cioe' l-Artikoli 221, 338(dd), 339 1(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Semghet lill-kwerelanta Lucia Saliba li fis-seduta tad-9 ta' Marzu, 2010, iddikjarat li qed tahfer lill-imputata u tirrinunzja ghall-azzjoni kriminali fil-konfront taghha;

Ghaldaqstant il-Qorti filwaqt li tiddikjara l-procediment ezawrit ghar-rigward tal-ewwel (1) u tielet (3) akkuzi, ma ssibx lill-imputata hatja tat-tieni (2) akkuza u tilliberaha minnha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------